# Il-Mużika fil-Festi ta' Santa Katerina

L-eqdem riferenza sibtha fis-sena 1688, meta allura l-knisja parrokkjali kienet għadha San Girgor. Tintuża l-kelma *mantici* li, nistqarr, ma nafx eżatt kinux xi speċi ta' mezz biex jonfħu l-orgni jew biex iqabbdu n-nar aħjar. Hu x'inhu, fl-1727 ħallsu lill-organista u lil min ġarr l-*arganetto*. Jidher li l-orgni ċkejken li kien jintuża għall-festa kien jinkera. Għalkemm ismijiet ta' nies m'għandniex, madankollu din ir-riferenza hi xhieda ċara li mill-ewwel snin tas-seklu XVIII, il-mużika diġà kellha sehem fil-festa ta' San Katerina. Tliet snin wara, jiġifieri fl-1730, ħarġu somma ġmielha għal dan iż-żmien – 10 skud u 5 tari – *per la musica nella festa di S. Caterina*. Kienu għadhom kemm lestew il-bini tal-kappelluni u l-kor tal-knisja parrokkjali ġdida, u kienu qed jagħtu bidu għall-ornamenti artistiċi tal-kor. Sibt ukoll riferenza għal spiża li saret biex jagħmlu pranzu fl-1731 għall-mużiċisti u l-predikaturi tal-festa. Interessanti hi r-riferenza għal vjolini, għaliex turina li barra l-orgni ċkejken, kienu jintużaw strumenti oħra. Ħaġa li laqtitni f'dawn il-kontijiet bikrin tal-festa tagħna hi, li mill-bidunett il-flus li kienu jonfqu fil-mużika dejjem kienet l-akbar spiża fil-festa, ukoll meta l-mużika kienet biss għadha parti mill-festa interna. Hekk, fl-1731, minkejja l-ispejjeż kbar li kellhom fl-opri artistiċi li kienu qegħdin jagħmlu, nefqu mhux inqas minn 12-il skud għall-mużika tal-festa.

## Importanza tal-Mużika fil-Festa

Il-kont tal-mużika baqa' dejjem jikber minn sena għall-oħra, hekk li fl-1769 nefqu 23 skud u s-sena ta' wara aktar minn 30 skud. Tnax-il sena wara, l-ispiża telgħet għal 33 skud, li kienu jinkludu l-ħlas għall-vespri ta' lejlet il-festa. Il-prokuratur niżżel fir-reġistru: *ho fatto esito di scudi trentatre per la Mosicha fatta nella Festività di S. Catarina, cioè col Primo Vespero*. Fl-1790 l-ispiża tal-mużika ssuperat bil-bosta kull spiża oħra u telgħet għal 62 skud. Dawn il-flus huma indikazzjoni ċara ta' l-importanza li l-kappillani u l-prokuraturi kienu jagħtu lill-mużika fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa, biex din tkun aktar solenni u tixraq lill-parroċċa tagħna.

## Jibda s-Seklu XIX

Niġu issa għas-seklu XIX, meta l-informazzjoni li għandna fl-Arkivju ssir aktar frekwenti u interessanti, speċjalment għaliex jingħataw l-ismijiet. Hekk, l-għada tal-festa jiġifieri fis-26 ta' Novembru 1836, il-prokuratur ħallas 60 skud lill-*Maestro di Cappella* Vincenzo Bugeja *per la musica di S. Caterina*.

Iżda mill-1838 sa l-1847 il-mużika tal-festa kienet taħt id-direzzjoni tas-saċerdot Dun Francesco Saverio Ellul, li wkoll jissejjaħ *Maestro di Cappella*. Barra minn



*Il-Banda Żejtun waqt il-programm fil-knisja parrokkjali, Żejtun f'Novembru 1985.*

hekk, il-ħlas għoli li rċieva kull sena għall-mużika fil-festa juri ċar li kien hu li dderieġa l-mużika lejlet u nhar il-festa. Madankollu jien qatt ma smajt lil ħadd isemmi lil dan is-saċerdot fil-qasam tal-mużika. Imma fl-1848 il-folja nqalbet. Filwaqt li Maestro Paolo Nani (1714-1904) beda jitħallas 90 skud għall-mużika ta' lejlet u nhar il-festa, it-Tridu kien esegwit mill-organista Dun Franġisk Saverju Ellul. U hekk baqa' għal numru ta' snin. Fl-1859 Pawlu Nani ġie mħallas aktar minn 112-il skud: *M. Sign. Paolo Nani, Maestro di Cappella, per Primo Verpere, Messa e Seconda Vespere in musica S. Caterina*. Iżda l-akbar qabża fil-ħlas ta' P. Nani kienet bejn is-snin 1855 u 1856, meta s-surmast għollihom kont minn 102 għal 112-il skud. Pawlu Nani dam jidderieġi l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa għal żgur mhux inqas minn 26 sena, għaliex ismu jibqa' jidher minn ta' l-inqas sa l-1874. Fl-1870, meta Dun Franġisku Saverju Ellul, l-organista tat-Tridu rċieva 29 skud bħala ħlas, Pawlu Nani rċieva mhux inqas minn 150 skud. Fl-1873 l-organista tat-Tridu kien saċerdot ieħor: Dun Mikiel Busuttil. L-istess is-sena ta' wara. Wara Pawlu bħala *Maestro di Cappella* taż-Żejtun sar ibnu Mro. Antonio Nani (1842-1929), li kien miżżewweġ liż-Żejtunija Carmela Mifsud.